Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2026
(OR. en)

14724/26

COWEB 130
TRANS 634
FIN 1487

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 16/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent - L-appoġġ li tagħti l-UE jindirizza l-ħtiġijiet tal-konnettività, iżda l-integrazzjoni fin-network ewlieni tat-trasport miexja bil-mod" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Ottubru 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif approvati mill-Kunsill Agrifish fil-laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Ottubru 2026.

ANNESS

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2026 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent - L-appoġġ li tagħti l-UE jindirizza l-ħtiġijiet tal-konnettività, iżda l-integrazzjoni fin-network ewlieni tat-trasport miexja bil-mod"

1. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali Nru 16/2026 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti").

2. Il-Kunsill itenni li l-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Balkani tal-Punent u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħhom fil-perkorsi tagħhom lejn is-sħubija fl-UE. Il-Kunsill jibqa' impenjat li javvanza l-integrazzjoni gradwali bejn l-UE u r-reġjun matul il-proċess ta' tkabbir innifsu b'mod meritokratiku u riversibbli.

3. Il-Kunsill ifakkar li l-UE tilqa' u ser tkompli tappoġġa t-tisħiħ tal-konnettività, inkluż l-enerġija, it-trasport u l-qasam diġitali fir-reġjun u mal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja li l-investimenti fil-konnettività tat-trasport permezz tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent għandhom jappoġġaw l-allinjament mal-acquis tal-UE u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni gradwali tar-reġjun fis-suq intern tal-UE. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-appoġġ tiegħu għal prattiki li għandhom l-għan li jiżguraw il-parteċipazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' entitajiet tas-settur privat mill-Istati Membri.

4. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' konnessjonijiet transfruntiera, konnessjonijiet tat-trasport sostenibbli mal-UE u fir-reġjun u l-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent fin-network TEN-T tal-UE.

5. Il-Kunsill jenfasizza r-rilevanza tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-appoġġ futur tal-UE għall-infrastruttura tat-trasport fil-Balkani tal-Punent.

6. Il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li, filwaqt li l-proġetti tat-trasport iffinanzjati mill-UE kienu ġeneralment allinjati mal-prijoritajiet tal-konnettività tal-UE, l-implimentazzjoni tagħhom kienet imxekkla minn dgħufijiet fit-tħejjija, il-monitoraġġ u s-sostenibbiltà tal-proġetti.

7. Il-Kunsill jinnota wkoll il-konklużjoni tal-Qorti li l-viżibbiltà tal-appoġġ tal-UE ma ġietx żgurata bis-sħiħ minħabba nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar il-viżibbiltà tal-investimenti fit-trasport iffinanzjati mill-UE. Filwaqt li jfakkar fl-importanza ta' sforzi reċiproċi kontinwi fir-rigward tal-komunikazzjoni strateġika, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tiżgura applikazzjoni konsistenti u sħiħa tar-rekwiżiti ta' viżibbiltà tal-proġetti appoġġati mill-UE.

8. Il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet tal-Kummissjoni mehmużin mar-Rapport Speċjali Nru 16/2026, u jinnota li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.

9. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti b'mod effettiv u f'waqtu: 1) jintgħażlu biss proġetti maturi, 2) tinkiseb evidenza mill-istituzzjonijiet finanzjarji dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni, 3) jittejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti, 4) tiżdied kemm is-sostenibbiltà tar-riżultati kif ukoll il-viżibbiltà tal-UE.

10. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-akkontabbiltà, is-sjieda u l-kapaċità ta' assorbiment tal-benefiċjarji kif ukoll it-tlestija f'waqtha tal-proġetti biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-appoġġ finanzjarju tal-UE.